IL-QRENDI FIL-BIDU TAS-SEKLU

Kitba ta' Paul C. Zammit T.Eng.(CEI),M.I.M.I.,MI.,Mgt.



Qabel nidħlu fid-dettal dwar kif kien ir-raħal tal-Qrendi lejn is-sena 1901, ikum importanti wkoll li nagħtu ħarsa ħafifa dwar Malta in ġenerali f'dik l-epoka.

Skond iċ-ċensiment ta' l-31 ta' Marzu 1901, insibu li dan kien jirrigwardja 207,890 abitant li minnhom 195,624 kienu residenti normali, u l-bqija barranin li l-parti kbira minnhom kienu jgħixu fiż-żona tal-Port il-Kbir, u parti żgħira f'Għawdex. Kien hawn 37,135 djar okkupati minn 196,130 persuna, 161 istituzzjonijiet jgħixu fihom 15,978 persuna, u 36,974 binjiet oħra mgħammra minn 180,152. Insibu wkoll 14,774 postijiet battala. Bħala popolazzjoni strettament ċivili kien hawn 184,742 li minnhom 91,994 kienu rġiel u 92,748 nisa. Nies taħt il-15-il sena 62,952; 15-il sena sa 65 kien hawn 111,715; fuq il-65 sena, 9806; mhux speċifikati 2969. Nies mhux miżżewġa:irġiel 58,468; nisa 54,772; miżżewġin: irġiel 30,758; nisa 31,224. Romol: irġiel 2770, nisa 6752. Nies jaħdmu 80,791; ma jaħdmux 103,951. Terz tat-tfal ta' l-età ta' l-iskola kien jattendi xi forma ta'tagħlim; żewġ terzi l-ebda forma. Wieħed minn kull 27 tal-popolazzjoni ċivili kienu barranin. 99 fil-mija tal-popolazzjoni kienu kattoliċi. 9 f'kull elf ruħ (1616) kellhom xi forma ta' mard. Wara din id-daħla ġenerali, jixraq li naraw is-sitwazzjoni tal-Qrendi f'dawk iż-żminijiet bikrija ta' das-seklu li wasal biex jagħlaq.

Il-popolazzjoni tal-Qrendi kienet ta' 1333, li minnhom 675 kienu rġiel, u 658 nisa. L-arja tal-Qrendi u madwaru hu ta' 2.083 mili kwadri, b'densità ta' 640 persuna għal kull mil kwadru. Sa l-1902, il-popolazzjoni telgħet għal 2,241. Bejn is-6 ta' April 1891 sa l-31 ta' Marzu 1902 ġew irreġsitrati 517-il twelid u mietu 335. Postijiet ta' abitazzjoni kien hemm 304 li minnhom 288 kienu okkupati, u 26 battala. Irziezet abitati kien hemm 5, ma jgħixux fihom 26. Kien hemm 25 remissa, li waħda biss kienet okkupata.

Jekk naqsmu l-popolazzjoni skond l-età nsibu li taħt il-5 snin kien hemm 93 subien, u 99 bniet; minn 5 sa 10 snin; 67 subien, 78 bniet; bejn 10 u 15 kien hemm 85 irġiel u 72 nisa; minn 15 sa 20 sena: 61 raġel, 63 mara; bejn 20 u 25 sena: 41 raġel, 53 mara; 25 sa 30: 33 irġiel, 54 nisa; 30 sa 35: 55 rġiel, 42 nisa; 35 sa 40 sena: 45 rġiel, 20 mara; 40 sa 45: 40 rġiel, 41 nisa; minn 45 sa 60 sena: 78 maskili, 84 femminili, bejn is-60 u l-75: 62 irġiel u 41 nisa; bejn 75u 85 sena: 15 irġiel, 6 nisa; u fl-aħħar bejn il-85 u 90 sena: irġiel xejn, nisa 5.

Kien hemm 211 irġiel miżżewġin, u 217-il mara, li minnhom kien hemm 24 raġel armel, u 42 nisa romol. Skond l-istatistika dwar il-livell ta' edukazzjoni, 1110 ma kellhom l-ebda tagħlim dwar il-lingwa Ingliża, 6 irġiel u 4 nisa kienu jafu jaqraw biss bl-Ingliż; raġel wieħed kien jaf jaqra u jikteb b'din il-lingwa, filwaqt li 7 rġiel u 3 nisa kienu jafu jitkellmu, jaqraw u jiktbu. Dwar il-lingwa Taljana 145 raġel u 134 mara ma kellhom l-ebda ideja tal-lingwa, 2 irġiel kienu jafu jaqraw biss, 2 irġiel u mara kienu jafu jiktbu u jaqraw filwaqt li 6 irġiel u mara kienu jafu kemm jitkellmu, jiktbu kif ukoll jaqraw. Dwar il lingwa Maltija 56 raġel u 52 mara jaqraw biss, filwaqt li 73 raġel u 56 mara kienu jafu kemm jiktbu kif ukoll jaqraw. Tfal li kienu jirċievu xi forma ta' edukazzjoni: subien 68 minn 177, u bniet 35 minn 166.

Nies imwielda fil-Qrendi: 1440; nies li twieldu u baqgħu jgħixu fir-raħal: 1226; ġew minn distretti oħra 266; telqu lejn distretti oħra: 159. Fiċ-ċensiment insibu li kien hemm 2 persuni għomja, ibatu b'tal-qamar: 2 irġiel u 3 nisa; rikoverati f'ta' Frankuni: raġel wieħed. Nies irreġistrati li jrabbu n-nagħaġ u l-mogħoż: 57; jaħdmu bil-ħmir: 25; bil-bgħula:16. Bdiewa reġistrati: 203. Kemm kien

hemm jaħdmu mas-Servizzi Militari, Tarzna, Gvern, barrieri u l-partikular mhuwiex magħurf. Kultivazzjoni tar-raba' skond iċ-ċensiment tinkludi xgħir, qamħ, qamħirrun, ful, patata, basal, tewm, silla, kemmun, dwieli, żebbuġ, ħarrub, qoton fuq skala żgħira u bajtar tax-xewk.

L-ewwel quddiesa, magħrufa ta' l-Awrora, kienet tkun bikrija ħafna, bejn l-4.00 u l-4.30 a.m., u l-moti tal-qniepen kienu jinkludu l-Pater Noster, tat-tmienja, ta' nofsinhar, l-Ave Marija, ta' l-Erwieħ u ta' l-Orazzjoni. F'xi parroċċi kienet tindaqq filgħaxija l-mota ta' l-Għaġin, biex in-nisa tad-dar jitfgħu l-għaġin fil-borma, ħalli sakemm jiġu żwieġhom mix-xogħol isibu l-għaġin lest. Nħar ta' Erbgħa filgħaxija kienet tindaqq il-mota ta' l-Erbgħa, u ħafna nies tax-xogħol kienu jesklamaw li l-ġimgħa kważi ġewwa. Billi ħafna mit-tfal żgħar ta' dak iż-żmien kienu jmutu f'età bikrija ħafna minħabba l-mard magħrufa bħala tal-Vixxli, spiss matul il-jum kienet tindaqq il-mota tal-Glorja. Meta wieħed kien ikun wasal lejn tmiem ħajtu kienet tindaqq il-mota ta' l-Agunija, u joħroġ il-Vjatku solenni f'purċissjoni lejn fejn kien jinzerta joqgħod il-moribond. In-nies kienu jżommu f'idejhom fanali mixgħula, u jkantaw il-Litanija tal-Madonna wara l-bieb tal-persuna li waslet fl-aħħar tal-ħajja. Jekk il-Vjatku kien jinzerta jkun bil-lejl, fuq l-għatiebi tad-djar, in-nies kienu joħorġu l-lampi tal-pitrolju mixgħula.



Ritratt: Pinu Axiaq

Ħafna mill-irġiel kienu jqaxxru l-leħja bil-mus darba fil-ġimgħa, nhar ta'Ħadd filgħodu għand il-barbier. Il-ħafa kien predominanti u l-aktar xedd li kien kultant jintuża kien il-qorq jew is-sandli. Minħabba l-ħafa, ħafna nies kienu jbatu minn "xquq tas-safra", fejn il-qiegħ tas-saqajn, l-aktar l-għarqub, kien jixxaqqaq u ġie li kien joħroġ minnhom id-demm, u juġgħu. Il-ħżież jew bħal ċrieki fil-wiċċ u fir-ras kienu komuni ħafna, ukoll it-Trakoma, u d-dud fir-ras. Xi nisa ta' dak iż-żmien kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom billi kienu jagħtu ħalib sidirhom billi jreddgħu tfal tas-sinjuri. Dawn kienu jissejħu l-"imreddgħa". Xogħol ieħor għan-nisa kien jinkludi sefturi, u kienu jitilgħu lejn ir-raħal tagħhom darba fil-ġimgħa biss. Xogħol fil-barrieri kellu tbatija kbira u wkoll il-periklu tiegħu. Kull xogħol mal-partikular kien jibda minn tlugħ ix-xemx sa nżul ix-xemx, jew l-Ave Marija.

Il-ħajja għall-bniedem komuni kienet iebsa, l-faqar predominanti, l-injoranza grassa, u ġuħ ma' kullimkien. Kienu żminijiet oħra. Kienu żminijiet li qatt aktar ma jiġu, u Allaħares jerġgħu jiġu. Dak iż-żmien issa sar parti mill-istorja.

SF

SUNRISE FARM

Paul Micallef

St. Leonard Street, Żabbar

Tel: 801033, Tel. Res: 882298, 785597, 801574